Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/18

**Mary Zammit (appellanti)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

30 ta' Lulju 2018.

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li jiċħad it-talba ta' Mary Zammit tal-1 ta' Ġunju 2016 għall-għoti tal-Pensjoni tal-Eta` non-kontributorja.**

2. B'avviż tal-15 ta' Ġunju 2016, (u ieħor identiku tas-17 ta' Ġunju 2016) id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Mary Zammit illi ma kinitx intitolata għall-Pensjoni tal-Eta` għaliex ma kienx sodisfatt li l-valur kapitali tagħha ma jeċċedix l-€14,000 u/jew li ma ddisponietx min ġidha sabiex tikkwalifika għall-tali Pensjoni tal-Eta`.

3. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Ġunju 2016 Mary Zammit intavolat appell quddiem l-Arbitru[1] minn tali deċiżjoni. (**File Nru 426/16**).

4. Fit-18 ta' Lulju 2017 id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali wieġeb biex jgħid għaliex l-appell ta' Mary Zammit kellu jiġi miċħud. Wara li ġab a konjizzjoni tal-Arbitru il-fatt li kien hemm appell ieħor intavolat minn Mary Zammit (numru 574/14)[2] spjega li r-raġuni għalfejn id-Dipartiment kien ċaħad it-talba li Mary Zammit

[1] L-Arbitru maħtur skont l-Att Dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318)

[2] Fil-fatt kienu żewġ appelli u mhux wieħed, cioe`: **574B/14** u **574A/14** - rigwardanti żewġ deċiżjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li Mary Zammit kellha tirrifondi l-ammonti ta' **€11,947.77** (rappreżentanti ħlasijiet ta' pensjoni tal-eta`) u **€2,520.30** (rappreżentanti ħlasijiet ta' għajnuna għall-mard) li rċeviet fil-perjodu minn 26.01.2008 sa 07.05.2010

kienet għamlet fl-1 ta' Ġunju 2016 għall-Pensjoni tal-Eta` kienet għaliex l-affarijiet kienu baqgħu l-istess bħall-appelli preċedenti, u aċċenna għall-fatt li fl-2014 hija kienet għaddiet b'titolu ta' donazzjoni lil binha Kevin Zammit tlett proprjetajiet fl-ammont komplessiv ta' €61,600 u għalhekk ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-limitu ta' €14,000 u/jew li ma ddisponietx minn ġidha biex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Eta'.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2017, l-Arbitru aċċenna għall-fatt illi huwa kien laqa' t-talba ta' Mary Zammit biex ix-xhieda li ġiet imressqa fl-appell l-ieħor (574A/14 u 574B/14) tgħodd ukoll għal dan il-każ. Huwa imbagħad irritjena hekk:

*"L-Arbitru jagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-appell 574/14 fejn dan l-Uffiċċju hekk kif inhu presedut kien iddeċieda fuq appell simili tal-appellanta;* [3]

*Illi fil-każ odjern reġa' hemm l-istess ostaklu li kien hemm fl-appell surreferit u cioe` d-donazzjoni li saret mill-appellanta lil binha Kevin Zammit* [4]*, dan l-Uffiċċju kif ukoll il-Qorti tal-Appell iddikjarat diversi drabi li appellanti kkreat minn din is-sitwazzjoni fejn hija qed ikollha tirrikadi fuq l-istat għall-għajnuna fil-forma ta' Pensjoni tal-Eta` peress li għażlet li tiddisponi mill-kapital tagħha permezz ta' donazzjoni u konsegwentement ġabet ruħha fil-pożizzjoni li hija qed ikollha tagħmel it-talba odjerna.*

*Illi fid-dawl tas-suepost l-Arbitru jerġa' jikkonferma l-istess ħsieb li kellu fid-deċiżjoni sopraċitata."*

Għalhekk huwa ċaħad l-appell ta' Mary Zammit u kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-15 u s-17 ta' Ġunju 2016. (**Deċ tal-Arbitru. Nru 277/17**).

6. Fil-<u>31 ta' Jannar 2018</u> Zammit appellat quddiem din il-qorti fejn talbet għar-revoka tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (tal-15 u s-17 ta' Ġunju 2016).

---

[3] Jiġi ppreċiżat illi kuntrarjament għal dak dikjarat mill-Arbitru, sal-5 ta Diċembru 2017 l-appell Nru 574/14 (jew aħjar l-appelli Nru 574A/14 u 574B/14) kienu għadhom ma ġewx deċiżi minnu!

[4] Jiġi ppreċiżat ukoll illi kuntrarjament għal dak dikjarat mill-Arbitru, fid-deċiżjoni tiegħu rigwardanti l-appelli Nru 574A/14 u 574B/14, li fil-fatt ġew deċiżi fit-13 ta' Frar 2018 (u mhux qabel il-5 ta' Diċembru 2017) ir-raġuni għaliex l-appell ta' Mary Zammit ġie miċħud ma kinitx il-fatt li għamlet donazzjoni ta' proprjeta` lil binha Kevin Zammit, iżda invece il-fatt li silfet l-ammont ta' €58,234.33 lil binha Kevin Zammit u lil martu tul iż-żwieġ tagħhom.

**L-aggravju tal-appellanti Mary Zammit.**

7. Mary Zammit tilmenta li l-Arbitru ma qiesx illi l-kuntratt ta' donazzjoni tal-2008 li permezz tiegħu binha Kevin Zammit u martu ittrasferewlha proprjeta` b' titolu ta' donazzjoni kien kuntratt fejn ma kien hemm l-ebda konsiderazzjoni monetarja, u li hija fil-fatt qatt ma kienet verament is-sid tal-proprjeta` iżda sempliċiment silfet isimha biex tgħin lil binha. Għalhekk targumenta li l-Arbitru għamel *"żball"* meta rritjena li hija kienet għażlet li tiddisponi mill-kapital tagħha permezz ta' donazzjoni, għaliex fil-verita` l-proprjeta` qatt ma kienet tagħha.

8. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali fl-1 ta' Marzu 2018 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell tagħha għandu jiġi miċħud.

**Fatti li jirriżultaw mid-dokumenti esebiti:**

9. Fl-1 ta' Ġunju 2016 Mary Zammit applikat għall-Pensjoni tal-Eta`. Iddikjarat li l-indirizz tar-residenza tagħha huwa "Park View" Flat 13, Triq il-Ġdida fi Triq il-Fliegu, S Pawl il-Baħar. Iddikjarat li kull ma kellha flus il-bank kienu €98.93, u li ma kellha l-ebda proprjeta`ħlief dik tar-residenza tagħha.

10. Skont il-"*Property Transfers*" ta' Mary Zammit li nħarġu mit-*Tax Compliance Unit* jirriżulta li fil-perjodu 1999-2016 saru s-segwenti trasferimenti ta' proprjeta` li fihom kienet involuta l-istess Mary Zammit:-

**Bħala venditrici/donatriċi**:

| | |
|---|---|
| 03.02.2007 | fond nru 15, Triq de Rohan, Marsaskala[5]<br>prezz: €44,258; |
| 03.05.2010 | maisonette nru 36, Moonglow, Triq l-Akwedott, Birkirkara[6]<br>prezz: €140,000; |
| 14.10.2014 | flat nru 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti, S Paul il-Baħar[7] |

[5] Mary Zammit kienet venditriċi flimkien ma' 16-il persuna oħra.
[6] Mary Zammit kienet l-unika venditriċi.
[7] Mary Zammit kienet l-unika donatriċi.

| | |
|---|---|
| | valur tal-flat mogħti b' donazzjoni €46,600; |
| 26.01.2015 | garage nru 4, Blue Lagoon, Triq il-Mazzola, Bugibba[8]<br>valur tal-garage mogħti b' donazzjoni: €14,000; |
| 26.01.2015 | grave no 19 East Division, Section MA, Compartment T,<br>S Maria Addolorata, Paola<br>valur tal-qabar mogħti b' donazzjoni: €1,000; |

**<u>Bħala kompratriċi/donatarja</u>**:

| | |
|---|---|
| 24.01.2008 | flat nru 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti, S Pawl il-Baħar[9]<br>valur tal-flat mogħti b' donazzjoni: €46,587<br>(Revised value: €81,487); |
| 30.09.2008 | garage nru 4, Blue Lagoon, Triq il-Mazzola, Bugibba[10]<br>prezz li bih inxtara: €13,976; |
| 25.09.2009 | flat nru 13, Park View, Unnamed Street c/w Triq il-Fliegu, S Pawl il-Baħar;<br>prezz li bih inxtara: €107,000;<br>(Revised value: €136,000); |

11. Fis-<u>16 ta' Ottubru 2015</u> dehret Mary Zammit quddiem in-Nutar Anthony Bonnici u bil-ġurament iddikjarat illi l-<u>appartament</u> numru 55/4, Corner Court Triq it-Turisti, Buġibba, u l-<u>garaxx</u> nru 4, Blue Lagoon, Triq il-Mazzola, Bugibba m'għadhomx proprjeta` tagħha peress li ttrasferiethom lil binha Kevin Zammit permezz ta' żewġ kuntratti ta' donazzjoni, "*u dan peress illi l-istess żewġ proprjetajiet kienu oriġinarjament inxtraw minn flus l-imsemmi Kevin Zammit.*"

**<u>Liġi applikabbli:</u>**

12. <u>L-Artikolu 66(1)(b)(ii) tal-Kap 318</u> jipprovdi li biex persuna tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Eta` (mhux kontributorja), trid turi li:

*"l-mezzi tiegħu/ tagħha fil-ġimgħa kalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ma jkunux iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Eta`...."*

13. <u>Paragrafu 1 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda</u> jistipula illi:

[8] Mary Zammit kienet l-unika donatriċi.
[9] Mary Zammit kienet l-unika donatarja.
[10] Mary Zammit kienet l-unika kompratriċi.

*"Sabiex jinħadmu x'inhuma l-mezzi għall-finijiet tal-Artikoli 66 u 68(2)(a), għandhom jitqiesu kull proprjeta` inkluża kull proprjeta` mqiegħda fi trust* ***(minbarra d-dar tar-residenza)*** *dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħta Pensjoni tal-Eta` …,* ***għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni:***

*Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a)* [11] *tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu fil-kalkolu tal-mezzi* ***€14,000 fil-każ ta' persuna waħedha*** *jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa."*

14. Paragrafu 3 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda imbagħad jipprovdi illi:

*"Il-proprjeta` jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima għandhom jinkludu kull proprjeta` jew dħul li l-persuna konċernata l-persuna konċernata* ***tkun direttament jew indirettament ċaħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Eta`*** *….. jew biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġjuża….".*

**Konsiderazzjoni.**

15. Fl-ewwel lok il-qorti tagħmel osservazzjoni dwar:-

(a) dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn qal li huwa diġa' ddeċieda fuq l-appell 574/14. Appelli oħra li din il-qorti għandha quddiemha huma 574A/14 u 574B/14 tal-istess Mary Zammit, u jitrattaw deċiżjonijiet li ngħataw wara dik oġġett ta' dan l-appell.

---

[11] Paragrafu 1, Taqsima I:

"*Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-Artikolu 12* **(Eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi)** *għandu jitqies:*

*(a) il-valur ta' kull proprjeta` inkluża kull proprjeta` mqegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) ta' dik il-persuna li tkun, jew tista' tkun, investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali:*

*Iżda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi xi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, bonds, stocks, azzjonijiet jew titoli oħra), flus imqegħda f' xi trust u l-valur kapitali ta' kull proprjeta` immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjeta` fi trust (b'esklużjoni tad-dar tar-residenza) li ma tkunx qed tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu €9,320 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla, jew €16,310 fil-każ ta' persuna miżżewġa, il-persuna li tkun qed titlob eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi għandha titqies li ma tkunx intitolata għal din l-eżenzjoni."*

(b) b’dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn jgħid li f’dan l-appell hemm l-istess ostakolu li kien hemm fl-appell 574/14. Fl-appelli 574A/14 u 574B/14, l-Arbitru ċaħadhom abbażi tal-fatt li Zammit silfet is-somma ta’ €58,234.33 lil Kevin Zammit u lil martu, u mhux minħabba d-donazzjoni tal-fond oġġett tad-donazzjoni li saret fl-14 ta’ Ottubru, 2014. Donazzjoni li kienet għadha ma saritx meta d-Direttur tas-Sigurta` Soċjali informa lil Mary Zammit permezz ta’ żewġ ittri datati 1 u 15 ta’ Lulju 2014 li kellha tirrifondi s-somom ta’ €11,947.77 u €2,520.39 imħallsa indebitament għall-perjodu 26.01.2008 sa 21.05.2010. Avviżi kienu l-oġġett tal-appelli 574A/14 u 574B/14.

16. Fir-rikors tal-appell intqal li, *"5. Fil-verita fil-fatti u fl-isfond tal-istampa kollha, l-appellanta qatt ma kienet is-sid tal-proprjeta in kwistjoni. Għalhekk mhux ġust u korrett li nattribwixxu lil din il-proprjeta in kwistjoni u nikkunsidrawha bħala parti minn 'ġidha'. Meta proprjeta tkun mislufa għalhekk, dik il-proprjeta tibqa' ġid ta' ħaddieħor jekk jista' jiġi ppruvat li kienet biss mislufa"*.

17. Mary Zammit naqset li tipprova b’mod sodisfaċenti illi kienet sempliċiment *prestanome* fuq il-proprjeta` 55/4 Corner Court, Triq it-Turisti, Buġibba meta din ġiet trasferita lilha b’titolu ta’ donazzjoni fl-2008. Fil-fatt ma ressqitx bħala xhud lil binha u lil martu u lanqas ma ppreżentat dokumenti li jikkoraboraw dik il-verżjoni. Dokumenti li kellhom per eżempju juru l-istat finanzjarju tal-konjuġi Zammit meta fl-24 ta’ Jannar, 2018 taw il-fond b’donazzjoni lill-appellanti. Il-kuntratti tal-24 ta’ Jannar, 2008 u 14 ta’ Ottubru, 2014 huma l-aqwa prova li l-fond in kwistjoni kien proprjeta assoluta tal-appellanti. Kien għalhekk jispetta lilha li tressaq provi ċari u univoċi li kienet sempliċi *prestanome*. Provi li ma tressqux.

18. Ferm rilevanti wkoll kif l-appartament numru 4, Corner Court, Triq l-Imsell, San Pawl il-Baħar ma ssemmiex fil-kuntratt ta’ separazzjoni tal-10 ta’ Ġunju, 2010 li sar bejn Kevin Zammit u Alison Zammit. Jekk fil-kuntratt tal-24 ta’ Jannar, 2008 l-appellanti kienet biss *prestanome*, il-qorti tippretendi li dak il-

fond kellu jissemma fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-fatt jirriżulta li meta fl-14 ta' Ottubru, 2014 l-appellanti tat il-fond b'donazzjoni, id-donatarju kien **binha biss**. Il-loġika tgħidlek li kieku Maria Zammit kienet biss *prestanome*, meħud in konsiderazzjoni li l-fond ma ssemmiex fil-kuntratt ta' separazzjoni, Alison Zammit suppost kienet parti għall-kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2014. Madankollu ma kinitx. Konsiderazzjonijiet li jistgħu biss iwasslu għall-konklużjoni waħda, ċjoe' li l-fond kien proprjeta assoluta tal-appellanti u mhux veru li kienet biss *prestanome*.

19. Hu minnu li l-kuntratti tal-24 ta' Jannar, 2008 u 14 ta' Ottubru, 2014 huma ta' donazzjoni, u għalhekk jidher li m'għaddewx flus. Pero' jibqa' l-fatt li ħadd m'għandu jpoġġi lilu nnifsu f'posizzjoni li jsir dipendenti fuq benefiċċji soċjali minħabba li jkun iddispona minn ġidu b'xejn.

20. Din il-qorti qieset ukoll il-lista tat-trasferimenti ta' immobbli maħruġa mit-*Tax Compliance Unit* relattiva għall-perjodu bejn 1999 u 2016 fejn jirriżulta li Mary Zammit kienet involuta fi trasferimenti ta' proprjeta` fejn fosthom hemm il-garaxx numru 4, Blue Lagoon, Triq il-Mazzola, Buġibba. L-appellanti ttrasferiet dak il-fond b'donazzjoni permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Jannar, 2015. Il-valur dikjarat kien €14,000.

21. Rilevanti wkoll hi s-somma ta' €58,234.33 li fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-10 ta' Ġunju, 2010 jingħad li Mary Zammit silfet lil binha u lil martu, u li kien kreditu li kellu jitħallas lill-appellanti.[12] Għalkemm l-appellanti ma kinitx parti għall- kuntratt ta' bejgħ tal-4 ta' Jannar 2011, qalet li ma ngħatat xejn mir-rikavat ta' dak il-bejgħ (seduta tad-9 ta' Ġunju, 2016). Pero' lanqas ma qalet li l-kreditu ma kienx għadu jeżisti.

22. In vista ta' dan kollu din il-qorti jidhrilha li kien ġustifikat id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali jiddeċiedi li <u>ma kienx sodisfatt</u> li r-riżorsi kapitali ta' Mary

[12] Fil-kuntratt ta' separazzjoni intqal li mill-bejgħ tal-fond Mirage, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera, *"għandu jitħallas is-somma ta' tmienja u ħamsin elf mitejn erbgħa u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33), ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) lil Mary Zammit (li tiġi omm ir-Raġel) a titolu ta' rifużjoni tas-self mogħti lill-partijiet minnha tul iż-żwieġ tagħhom"*.

Zammit ma jeċċedux l-ammont ta' €14,000.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta' Mary Zammit u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Diċembru 2017. Spejjeż a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.